**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 5**

**Appell Nru: 95/2000**

**Il-Pulizija ( Spt. Martin Bayliss )**

**Vs**

**DAVID (DAVID NORBERT) SCHEMBRI**

**Illum, 24 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra David (David Norbert) Schembri talli nhar il-Hadd, 19 ta'Ottubru, 1997, ghal habta ta'bejn it-8.00 p.m., u d-9.00 p.m., fi Triq il-Pelikan, Swieqi: (**1**) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta'haddiehor f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta'persuna ohra, u cioe' ta'John Zammit mis-Swieqi, billi tah daqqa bil-karozza li kien qed isuq, u kkagunalu griehi ta'natura gravi, hekk kif iccertifika it-Tabib Dr. I Galea, M.D., ta' l-Isptar San Luqa, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kodici Kriminali ; (**2**) fl-istess data, hin u post, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'xi mod iehor, ikun li jkun, u dan kollu bi ksur ta' l-

Artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali; (**3**) fl-istess data, hin u post, fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 338 (bb) tal-Kodici Kriminali ; (**4**) fl-istess data, hin u post, saq motor car, u cioe' vettura ta' l-ghamla Peugeot li ghandha n-numru tar-registrazzjoni AAD 306, bla kont, bi traskuragini, jew b'mod perikoluz, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 15 (1)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta'Malta; (**5**) fl-istess data, saq vettura ta' l-ghamla Peugeot, li ghandha n-numru tar-registrazzjoni AAD 306 minghajr polza tas-sigurta' jew garanzija dwar ir-riskji ta'terzi persuni, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 7 t'April, 2000, li biha sabet lill-David (David Norbert) Schembri hati ta' dawn l-akkuzi w kundannatu ghal sentejn u nofs prigunerija kif ukoll issospendietu minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien hames snin.

Rat ir-rikors t'appell ta' David (David Norbert) Schembri datat 18 t'April, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati, u minflok, ssibu mhux hati bl-iskuzanti legali tal-passjoni istantanea/agitazzjoni tal-mohh, jew (b) alternativament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghal kaz.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet lill-Probation Officer Marietta Lanzon bil-gurament waqt is-seduta tas-6 ta'Settembru, 2001.

Rat u ezaminat ir-rapport imhejji mill-imsemmija Probation Officer.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi ghalkemm l-appellant qed jitlob li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-meritu wkoll, fil-fatt hu ma ssottometta xejn fuq dan l-aspett ta' l-appell tieghu, izda llimita ruhu biss ghal dik li hija l-piena mposta fuqu mill-ewwel Qorti. Kien propju ghalhekk li bi qbil maz-zewg nahat din il-Qorti kienet innominat lill-Probation Officer Marietta Lanzon sabiex tipprepara "Pre-Sentencing Social Enquiry Report" dwar l-appellant ghall-fini tal-piena.

Ghalhekk din il-Qorti mhiex qed tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba ta' l-appellant, u fil-fatt sejra tikkonferma s-sejbien ta'htija fuqu mill-ewwel Qorti ghall-akkuzi kollha dedotti kontrih, u qed tillimita d-decizjoni taghha ghal dik li hija l-piena biss, fid-dawl ta'dak li gie rappurtat mill-imsemmija Probation Officer.

Fil-qosor, l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti kienet wisq harxa mieghu meta nfliggiet piena ta' sentejn u nofs prigunerija, tenut kont ta' kif graw il-fatti.

Wara li din il-Qorti semghet bil-gurament lill-Probation Officer Marietta Lanzon u anke rat ir-rapport dettaljat taghha, hi tal-fehma li l-appellant David (David Norbert) Schembri jishoqqlu jinghata l-opportunita' li jkompli fuq it-triq it-tajba li beda w qed iwettaq b'success, li jkompli jiehu kull kura mehtiega ghar-rigward il-problema ta' l-abbuz ta' l-alkohol li ghandu, kif ukoll ikompli fir-riabilitazzjoni tieghu kontra l-vizzju tad-droga. Hu car li l-appellant fehem sew il-konsegwenzi ta' eghmilu u ta' dak kollu li kien ghaddej minnu fil-perijodu inkriminanti u tghallem il-lezzjoni.

F'cirkostanzi bhala dawn, din il-Qorti, bhala ma ghamlet diversi drabi ohra precedenti, hi preparata li tiehu r-riskju li tpoggi lill-appellant taht supervizjoni ta' *Ufficcjal ta'Probation*. Naturalment, l-appellant qed jigi mwissi li jekk jikser xi kundizzjoni li timponi fuqu l-Qorti, jew jikkommetti xi reat, ikun xi jkun, waqt il-perijodu ta'probation, m'ghandhux wara jippretendi li jerga' jsib il-klemenza

tal-Qorti, apparti l-fatt li jistghu jidhlu in operazzjoni d-disposizzjonijiet tal-Kap. 152 li jitrattaw dwar cirkostanzi bhal dawn.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddisponi mill-appell ta'David (David Norbert) Schembri, billi filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta'htija fuqu fuq l-akkuzi kollha dedotti kontrih, qedha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti **biss** tal-piena fejn l-ewwel Qorti imponiet fuqu piena karcerarja ta'sentejn u nofs, u filwaqt li qed tikkonferma l-piena ta'skwalifika minn kull licenzja tieghu tas-sewqan ghall-zmien hames snin kif impost mill-ewwel Qorti (u dan in bazi tad-dispost fl-Artikolu 12 (2) tal-Kap. 152), minflok il-piena karceraraja effettiva, qed taghmel fil-konfront ta' l-appellant David (David Norbert) Schembri *Ordni ta'Probation,* li qed jigi anness ma' din is-sentenza, u tpoggih tahtu ( u dan wara li l-Qorti ghamlet dak li hu mehtieg skond is-subartikolu {5} ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152), kif ukoll qed tapplika d-dispost ta' l-Artikolu 11 ta' l-istess Kap. 152, dan kif ser jigi ordnat hawn taht, u cioe', **tordna** lill-David (David Norbert) Schembri jhallas lill-John Zammit s-somma ta'hames mitt lira Maltin (Lm500), dan in linea ta'kumpens kif stabbilit minn din il-Qorti, liema hlas l-appellant ghandu jaghmlu lill-imsemmi John Zammit fi zmien xahar mil-lum, bla ebda pregjudizzju ghal xi azzjoni civili dwar danni jew xort'ohra li jista' jkun hemm pendenti bejnithom in konnessjoni ma' l-incident in kwistjoni, u dan salv kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha li jkun opportun f'kaz ta'nuqqas ta'pagament kif ordnat. Il-perijodu ta'skwalifika minn kull licenzja tas-sewqan jibda minn ghada, 25 ta'Settembru, 2001, fit-3.00 p.m.

Tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Todna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lill-imsemmija Ufficcjal tal-Probation.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur